MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Numru 671/2002

Il-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
(Spettur Dennis Theuma)
vs
Carmelo Cuschieri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli talli f'dawn l-ahhar zminijiet f'dawn il-gzejjer xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg misruqa gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur, liema ammont huwa ta' izjed minn mitt lira Maltin (LM100) izda ma jaccediex l-elf lira Maltin (LM1000) u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' l-imputazzjonijiet kollha u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 334, 267 u 279(a) tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-hati ikkopera mal-pulizija, ta l-oggetti lill-ufficjal prosekutur, irregistra ammissjoni u m'ghandux fedina penali allarmanti.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u wara illi rat l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghall-kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu ghal din is-sentenza.

(ft) Rita Mangion
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur